

## DEĊIJONIJIET

### DEĊIJONI EUBAM RAFAH/2/2011 TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ

tal-20 ta' Diċembru 2011

**li testendi il-mandat tal-Kap tal-Missjoni ta' Assistaġġa tal-Unjoni Ewropea fil-Frontieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EUBAM Rafah)**

(2012/27/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/889/PESK tal-25 ta' Novembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' Missjoni ta' Assistaġġa tal-Unjoni Ewropea fil-Frontieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EUBAM Rafah) (<sup>(1)</sup>), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(1) tagħha,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 10(1) tal-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS), f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat, biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għall-fini tal-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Missjoni EU BAM Rafah, inkluż d-deċiżjoni sabiex jinħatar Kap tal-Missjoni.
- (2) Fil-11 ta' Novembru 2008, permezz tad-Deċiżjoni EUBAN Rafah/1/2008 (<sup>(2)</sup>), il-KPS, fuq proposta mis-Segretarju Ġeneral/Rappreżentant Għoli, ħatar, lis-Sur Alain FAUGERAS bħala Kap tal-Missjoni EU BAM Rafah. Fil-21 ta' Mejju 2010, b'Deċiżjoni ta' EUBAM Rafah/1/2010 (<sup>(3)</sup>), il-KPS, fuq proposta tar-Rapreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (RGħ), estenda il-mandat tas-Sur Alain FAUGERAS

sal-24 ta' Mejju 2011 u, b'Deċiżjoni ta' EUBAM Rafah/1/2011 (<sup>(4)</sup>), il-mandat ġie estiż sal-31 ta' Diċembru 2011.

(3) Ir-RGħ ipproponiet lill-KPS biex jestendi l-mandat tas-Sur Alain FAUGERAS bħala Kap tal-Missjoni ta' EU BAM Rafah mill-1 ta' Jannar 2012 sat-30 ta' Ġunju 2012,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### Artikolu 1

Il-mandat tas-Sur Alain FAUGERAS bħala Kap tal-Missjoni tal-Missjoni ta' Assistaġġa tal-Unjoni Ewropea fil-Frontieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EUBAM Rafah) huwa b'dan estiż mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Ġunju 2012.

#### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-addozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Diċembru 2011.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

Il-President

O. SKOOG

<sup>(1)</sup> ĠU L 327, 14.12.2005, p. 28.

<sup>(2)</sup> ĠU L 306, 15.11.2008, p. 99.

<sup>(3)</sup> ĠU L 126, 22.5.2010, p. 25.

<sup>(4)</sup> ĠU L 142, 28.5.2011, p. 63.